RAKKOMANDAZZJONIJIET

KUMMISSJONI

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Mejju 2008

dwar il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi 2-nitrotoluene u 2,4-dinitrotoluene

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2233)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/405/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta' prijorità li jeħtieġu valutazzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2364/2000 tal-25 ta' Ottubru 2000 fir-rigward tar-raba' lista ta' sustanzi ta' prijorità kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 [2]:

— 2-nitrotoluene,

— 2,4-dinitrotoluene.

(2) L-Istat Membru rapporteur skond dawk ir-Regolamenti lesta l-attivitajiet tal-valutazzjoni ta' riskju fir-rigward tal-bniedem u l-ambjent għal dawk is-sustanzi, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għal studju dwar ir-riskji lill-bniedem u l-ambjent ta' materjali eżistenti [3] u ssuġġerixxa strateġija biex ir-riskji jkunu limitati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER) ġie kkonsultat u ħareġ opinjonijiet dwar l-valutazzjonijiet ta' riskju li saru mir-rapporteurs. L-opinjonijiet ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kumitat Xjentifiku.

(4) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u aktar riżultati ta' l-istrateġiji biex ikunu limitati r-riskji huma stipulati fil-Komunikazzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni [4].

(5) Skond il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, huwa xieraq li jkunu rakkomandati ċerti miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal ċerti sustanzi. Għas-sustanzi li mhumiex speċifikament elenkati, m'hemmx rakkomandazzjonijiet għad-destinatarji ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

(6) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju rakkomandati għall-haddiema għandhom jiġu kkunsidrati fi ħdan il-qafas tal-leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-haddiema, li hu meqjus li jipprovdi qafas xieraq biex ikunu limitati r-riskji tas-sustanzi rilevanti safejn meħtieġ.

(7) Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li għalihom tipprovdi din ir-rakkomandazzjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

[1] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
[2] ĠU L 273, 26.10.2000, p. 5.
[3] ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
[4] ĠU C 134, 31.5.2008, p. 4.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

TAQSIMA 1

2,4-DINITROTOLUENE

(CAS NRU 121-14-2; EINECS NRU 204-450-0)

IL-MIŻURI GĦAT-TNAQQIS TAR-RISKJU GĦAL-AMBJENT (1, 2, 3)

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati, fil-permessi maħruġa skond id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet, valuri ta' limiti għall-emissjonijiet jew parametri ekwivalenti jew il-miżuri tekniċi dwar it-2,4-dinitrotoluene sabiex joperaw skond l-Aħjar Metodi Disponibbli (minn hawn 'il quddiem "BAT"), waqt li jikkunsidraw il-karatteristiċi tekniċi ta' l-istallazzjonijiet ikkonċernati, il-pożizzjonijiet ġeografiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jezaminaw bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-BAT rigward it-2,4-dinitrotoluene u jirrapurtaw kwalunkwe żvilupp importanti lill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-BAT.

3. L-emissjonijiet lokali fl-ambjent akkwatiku u permezz ta' l-emissjonijiet fl-ajru tat-2,4-DNT għandhom, fejn neċessarju, ikunu kkontrollati minn regoli nazzjonali biex jiżguraw li ma jkun mistenni l-ebda riskju għall-ambjent.

TAQSIMA 2

DESTINATARJI

4. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lis-setturi kollha li jimpurtaw, jipproduċu, jittrasportaw, jaħżnu, jifformulaw fi preparazzjoni jew ipproċessar ieħor, jużaw, jarmu jew jirkupraw is-sustanzi u lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.